# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 31 ta' Lulju 2025**

**Nru: 5**

**Rikors Ġuramentat Nru. 947/2024**

## L-avukat Dr Abigail Bugeja
## bħala mandatarja tal-bastiment Diamond T
## fil-preżent bl-isem Jay 2
## u tas-sidien tiegħu
## Goldfinch Shipping 2 Ltd

**v**

## Egyptian Tanker Company
## kif rappreżentata minn Dr Ann Fenech

**Daħla**

1. Fuq talba ta' Egyptian Tanker Company ("ETC"), il-bastiment li meta tressaq ir-rikors ġuramentat[1] kien jismu Jay 2 (il-"bastiment"), ġie arrestat fid-29 ta' Frar 2024 (mandat nru. 374/24). Il-bastiment inżamm hekk arrestat sakemm, fit-30 ta' Mejju 2025, inħareġ il-

[1] Jidher li isem il-bastiment reġa tbiddel minn dak iż-żmien 'l hawn.

kontro-mandat nru 739/2025. Dan kien wara l-bejgħ privat tal-bastiment, awortiżżat mill-qorti.

2. Dr Abigail Bugeja noe tgħid li l-arrest nħareġ fuq talba li saret b'imprudenza, negliġenza jew nuqqas ta' diliġenza jew, tal-inqas, li nżamm fis-seħħ b'tali mod wara li ETC ġiet mgħarrfa li l-bastiment kien inxtrara minnha; u li hi sofriet danni li ETC għandha tirrispondi għalihom jew mill-mument li l-arrest ġie notifikat, jew mill-mument li l-arrest nżamm fis-seħħ meta ma kellux jibqa' fis-seħħ, sal-mument li tneħħa.

3. Il-mistoqsija prinċipali li għandha quddiemha l-qorti hi jekk ETC tistax tinstab responsabbli għad-danni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li tistrieħ fuqhom Dr Bugeja noe.

**Il-fatti fil-qosor**

4. Il-bastiment kien proprjetà ta' kumpannija jisimha Dreter 2 Ltd ("Dreter"). Dreter kienet daħlet f'*barehoat charter* li jġib id-data 29 ta' Diċembru 2022 (il-"*bareboat charter*") fir-rigward tal-bastiment ma kumpannija oħra, Degroma Trading Inc ("Degroma"). Min-naħa tagħha Degroma kienet daħlet f'*time charter* ma ETC datat 21 ta' Settembru 2023 (it-"*time charter*").

5. Jidher illi l-*bareboat charter* ġie terminat minn Dreter b'avviż lil Degroma mogħti fis-6 ta' Jannar 2024. Jidher ukoll li t-*time charter* ġie terminat minn ETC b'avviż lil Degroma fl-20 ta' Frar 2024.

6. Il-bastiment ġie arrestat, fuq talba ta' ETC, fid-29 ta' Frar 2024 (l-"arrest"). Dan kien biex titqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' ETC kontra Degroma; pretensjoni li tressqet fi proċeduri arbitrali b'sede f'Londra permezz ta' avviż (*notice of arbitration*) li ngħata fl-14 ta' Marzu 2024.

7. Fil-frattemp, Dreter biegħet il-bastiment lil Goldfinch Shipping 2 Ltd permezz ta' *Memorandum of Agreement* datat 1 ta' Frar 2024. Jidher li l-kunsinna tal-bastiment saret fil-21 ta' Frar 2024.

8. B'rikors imressaq quddiem din il-qorti, b'imħallef ieħor, fl-14 ta' Marzu 2024, Dr Bugeja noe talbet li jiġi revokat l-arrest. It-talba ġiet miċħuda b'digriet tas-6 ta' Mejju 2024.

**Il-qofol tal-każ ta' Dr Bugeja noe**

9. Dr Bugeja noe tgħid li meta ntalab, ntlaqa' u ġie notifikat l-arrest, il-bastiment ġie diġà nbiegħ lil Goldfinch. Dan, fil-fehma tagħha, ifisser li, minn dak il-mument 'l quddiem, ETC ma setgħetx iżjed tqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni tagħha kontra Degroma billi tarresta l-bastiment. Tgħid sussidjarjament li jekk ETC ma setgħetx kienet taf bil-bejgħ fil-mument li ressqet it-talba għall-arrest u, għalhekk, jista' forsi jitqies li ETC ma naqsitx mill-diliġenza mistennija f'dak il-mument, il-pożizzjoni ta' ETC nbidlet hekk kif ġiet mgħarrfa bil-bejgħ u li, għalhekk kellha, tal-inqas minn dak il-mument, titlob hi stess li l-arrest jitneħħa.

10. Fi ftit kliem ETC għandha tirrispondi għall-ħsara riżultanti mill-arrest jew mill-mument li fih ngħata effett jew mill-mument li ETC saret taf bil-bejgħ, u dana għaliex l-arrest sar, u f'kull każ inżamm, effettiv bi ħtija ta' ETC, għaliex ETC ma użatx il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

11. Il-każ ta' Dr Bugeja noe hu mibni espressament fuq l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kap. 16 (ara nota ta' kjarifika tat-12 ta' Diċembru 2024, paġna 218).

**L-ewwel eċċezzjoni ta' ETC**

12. Mirduma fl-għaxar paragrafu (mis-sitta u għoxrin paragrafu) ta' dik il-parti tad-difiża imsejjħa "L-Ewwel Eċċezzjoni" insibu, fl-aħħar (jew, aħjar fin-nofs), l-eċċezzjoni proprja. Din hi mfissra hekk:

> "It-talbiet attriċi ma jistawx [korrezzjoni: jistgħux] jintlaqgħu għaliex jirrizulta mill-ligi tagħna illi talba ghad-danni allegatament rizultanti minn ħruġ ta' arrest kawtelatorju ma tistax issir ad hoc, iżda hija intrinsikament marbuta ma ċirkostanzi fejn penali tiġi mposta mill-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836(1)(8)(a)-(c)." [korrezzjoni: (d)]

13. Skont l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 hu fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu (8) li l-qorti tista' tordna li jitħallsu d-danni; u minn dan ETC tislet il-konkużjoni li hu biss f'tali każijiet

– jiġifieri fejn hemm ukoll lok li l-qorti tordna l-ħlas ta' penali – li min ikun talab il-ħruġ ta' att kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni li jirriżultaw mill-ħruġ tiegħu jew miż-żamma tiegħu effettiv. ETC tgħid li din kienet l-interpretazzjoni mogħtija lill-artikoli 836(8) u (9) f'*Av. Ann Fenech nomine vs Il-bastiment MY Whispering Angel*.[2]

14. ETC tmur iktar lil hinn minn hekk fit-tifsira li tagħti lil dawn is-subartikoli. Tgħid li bħal fil-każ tal-impożizzjoni ta' penali, is-sejbien ta' responsabbiltà, li tissarraf f'danni, hu rimedji diskrezzjonali; u li t-tnejn għandhom jiġu mħaddma f'ċirkostanzi estremi (ara paragrafu 15 tar-risposta ġuramentata). B'mod partikolari tgħid li danni ma jingħatawx ħlief fejn il-mandat ikun inħareġ b'malizzja, jew kien frivolu jew vessatorju (ara 1183/2013 *Cassar Fuel Ltd vs Il-Bastiment MV K Dadayli*, deċ. 12 ta' Frar 2015).

15. ETC tkompli biex tgħid li

> "dan joħroġ mill-prinċipju baziku, li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddiehor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ('qui suo jure utitur neminem laedere videtur')."

u tiċċita dan il-bran mid-digriet mogħti f'*John Zarb v Port Cottonera Limited*:[3]

> "Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.
>
> Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez Vol. XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-dani li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha."

16. Kif wieħed kien jistenna, Dr Bugeja noe ma taqbilx li danni jistgħu jingħataw skont l-artikolu 836(9) biss. Il-pożizzjoni tagħha hi mfissra f'dawn il-paragrafi, riprodotti min-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha:

> "13. Illi ... ghandu jinghad illi l-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 imkien ma jsemmi illi azzjoni ghall-danni ai termini tal-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kapitlu 16 ma jistghux isiru

---

[2] 404/2015, deċ. 5 ta' Ġunju 2015

[3] 883/2002, deċ. 18 ta' Settembru 2002. Kif ser naraw dan jirrifletti dak li ntqal f'sentenza li sejra tissemma' f'paragrafu 17.

gialadarba wiehed jinqeda bil-procedura taht l-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 u ghalhekk tali azzjoni m'hijiex eskluza. Fit-tieni lok, huwa ben stabbilit illi l-procedura taht l-Artiklu 836 hija wahda sommarja u t-talbiet jigu determinati fuq bazi ta' *prima facie* - certament li negligenza, imprudenza u traskuragni kif elenkati taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1031, 1032 u 1033 tal-Kapitlu 16 ma jistghu qatt jigu determinati fi process sommarju, u dan bhalma gie stabbilit f'diversi sentenzi li ser jigu elenkati hawn aktar l'isfel;

14. Illi mis-sentenzi citati mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, umilment jinghad illi l-ebda minnhom ma hija relevanti ghal kaz odjern u dan ghaliex il-kaz odjern huwa bbazat fuq negligenza, imprudenza u traskuragni tal-intimata meta ghazlet li tintavola l-mandat odjern minghajr ebda bazi legali u nsistit li thalli l-mandat *in vigore* anke meta giet immedjatament infurmata illi l-bastiment esponenti kien inbiegh;

15. Illi jigi nnutat ukoll illi l-maggior parti tad-digrieti citati mill-intimata jirrigwardaw talba ghal danni ai termini tal-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 u mhux ai termini tal-Artiklu 1031 tal-Kapitlu 16. Jerga' jinghad bl-ikbar rispett illi l-fatt li jkollok talba ai termini tal-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 li tkun giet michuda ma teskludix azzjoni ghal danni taht l-Artiklu 1031 u dan ghaliex ma tohrog minn imkien fil-ligi;"

17. Dr Bugeja noe tistrieħ fuq is-sentenza f'*Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd*[4] li fiha din il-qorti, b'imħallef ieħor, qalet li s-sejbien ta' responsabbiltà għad-danni li jirriżultaw minn att kawtelatorju mhux limitat għaċ-ċirkostanzi fl-artikolu 836(8) imma li jista' ukoll isir b'riżultat tat-tħaddim tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 16.[5]

18. Il-ġurisprudenza dwar dan il-punt ma tidhirx li għadha qagħdet. Jidher li hemm erba' xejriet, li jistgħu jiġu magħsura hekk:

a. Il-persuna li titlob u tingħata att kawtelatorju qed tħaddem dritt li għandha. Fil-prinċipju, dik il-persuna tirripsondix għal ħsara li jista' jsofri terz bħala konsegwenza tat-tħaddim ta' dak id-dritt, ħlief fejn id-dritt jiġi abbużat. Dan ifisser li biex ikun hemm kundanna f'danni, irid jintwera li l-mandat intalab b'malizzja, jew li kien frivolu jew vessatorju.

[4] 492/2002, deċ. 7 ta' Lulju 2004
[5] L-istess jidher li ntqal f'741/2015 *George Cassar pro et noe. vs Emanuel Falzon et*, deċ. 22 ta' Ottubru 2015 u 298/19 *Michael Schembri vs Mark Von Brockdorff et.* deċ. 12 ta' Frar 2020; u 166/21 *Louai Aziz Micheal Al Twal et. vs Hani Massan Naji Salah*, deċ. 11 ta' Mejju 2021

b. Il-persuna tkun responsabbli għad-danni mhux biss meta tkun abbużat mid-dritt għal kawtela, imma ukoll jekk tkun naqset mill-prudenza jew mid-diliġenza li titlob il-liġi ċivili.

c. Il-persuna tkun responsabbli għad-danni jekk titlef il-kawża, għaliex l-att ikun inħareġ fuq ir-responsabbiltà tagħha.

d. Il-persuna tkun responsabbli għad-danni fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 838(8) tal-Kap. 12 biss.

19. Il-pożizzjoni qabel ma ġew introdotti l-artikoli 836(8) u 836(9) tal-Kap. 12 fl-1995 ġiet diskussa fit-tul fis-sentenza *Spiteri v Camilleri*.[6] Fiha hemm ġabra kemm tal-ġurisprudenza preċedenti u kif ukoll ta' dak li ngħad dottrinalment. Uħud mis-sentenzi tal-antik ħadu l-pożizzjoni li d-danni jingħataw biss fejn ikun hemm abbuż,[7] mentri oħrajn kienu iktar favorevoli għat-teżi li hemm responsabbiltà anki fejn ikun hemm nuqqas ta' prudenza jew ta' diliġenza.[8] *Spiteri v Camilleri* tidher li xaqilbet lejn din l-aħħar teżi.

20. Wara li saru l-emendi għall-Kap. 12 tal-1995, il-kwistjoni li qamet kienet jekk il-pożizzjoni ta' qabel ġietx kodifikata, jew inbidlitx. Fehma bikrija mogħtija minn din il-qorti, b'imħallef ieħor, kienet li l-artikolu 836(9) biddel ftit li xejn:

> "minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"
>
> "Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fissentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap16,** dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836(9)**. Dan ghaliex l-istess artikolu introdott billigi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati filgurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li

---

[6] 39/91, deċ. 10 ta' Jannar 1992
[7] Ara pereżempju *Calleja v Grima et*, Kollezz, Vol. XXXIX.I.241
[8] Ara pereżempju *Falzon v Scicluna*, Kollezz, Vol. XXVIII.III.1067

> wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **Artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi"[9]

21. Pożizzjoni ferm iżjed radikali ttieħdet minn din il-qorti, b'imħallef ieħor, f'*Busietta Gardena Madliena Limited v Civil Engineering and Contractors Company Limited et.*[10] Fiha ngħad hekk:

> "Fil-fehma tal-qorti din id-dispożizzjoni [art. 836(9)] tfisser biss illi, fil-każijiet fejn tista' ssir kundanna għall-ħlas ta' penali, jistgħu *wkoll* jingħataw id-danni – il-penali ma hix rimedju waħdieni; jistgħu jingħataw wkoll id-danni, u l-fatt li tingħata penali ma jeskludix li jingħataw danni wkoll – u tgħid x'għandha tkun il-proċedura. Il-fatt illi, meta tingħata penali, jistgħu wkoll jingħataw id-danni ma jfissirx illi didanni jistgħu jingħataw biss meta tista' tingħata penali. Ukoll meta mandat kawtelatorju jinħareġ in bona fide u f'ċirkustanzi li ma humiex imsemmija fl-art. 836(8) jista' jagħmel ħsara lill-parti li kontra tagħha jkun inħareġ. Xi ħadd irid ibatihom dawn id-danni: jew dak li nħareg il-Mandat kontra tiegħu meta fil-fatt ma kienx debitur, jew dak li, għalkemm mexa in bona fide meta talab il-ħruġ tal-Mandat, tilef il-kawża għax fil-fatt ma kienx kreditur. Ġa' rajna illi d-dritt li tikseb il-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji ma hux wieħed li jingħatalek gratis; jekk tagħmel ħsara lil ħaddieħor bil-ħruġ tal-Mandat, ikollok tagħmel tajjeb għal dik il-ħsara u mhux tippretendi li tbatiha l-parti l-oħra, li, wara kollox, tkun rebħitlek il-kawża. Nerġgħu lura għal dak li jgħid l-art. 829 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar min hu responsabbli għall-ħruġ tal-Mandat u għall-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu.
>
> F'dan l-istadju l-kawża għadha ma nqatgħetx; għalhekk għadna ma nafux jekk il-ħsara li jista' jagħmel il-Mandat għandhomx ibatuha r-rikorrenti jew l-intimata; għalhekk ukoll qiegħda tintalab biss garanzija għad-danni, mhux kundanna. Hekk kif l-intimata kellha l-jedd li titlob il-ħruġ tal-Mandat biex tħares il-pretensjoni tagħha, li għadha biss kreditu potenzjali, mhux aċċertat ġudizzjarjament, hekk ukoll ir-rikorrenti għandhom jedd jitolbu garanzija kontra d-danni li l-ħruġ tal-Mandat jista' jagħmlilhom"

22. Din mhix fehma ortodossa. Għal uħud hi perikoluża;[11] u forsi għal oħrajn hi anki eretika. Iżda hi msejsa fuq id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li att kawtelatorju jinħareġ fuq ir-responsabbiltà ta' min ikun talbu.[12] Issa biex din id-dispożizzjoni tingħata tifsira u piż, trid bilfors tfisser li min jitlob att kawtelatorju hu responsabbli għall-konsegwenzi tiegħu; u li dik ir-responsabbiltà tmur lil hinn minn dik ordinarja li wieħed irid juri prudenza u diliġenza, għaliex li kieku ma kienx hekk, id-dispożizzjoni titneżża' minn kull tifsira, u tiġi li hi superfluwa.

---

[9] *S N Properties Ltd v Camilleri*, deċ. 6 ta' Ġunju 2020
[10] Digriet fl-atti tal-mandat 313/2000, deċ. 11 ta' Jannar 2002
[11] Ara *Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd*, ċitata iktar 'l fuq
[12] Artikolu 829 tal-Kap. 12

23. Il-fehma għandha ukoll loġika partikolarment qawwija fil-każi kollha li fihom l-intervent tal-qorti hu biss li tagħti timbru;[13] fi kliem ieħor, fejn l-istat abdika r-responsabbiltà li l-ewwel iqis u, wara, jagħti rimedju (f'dan il-kunest, kawtelatorju) fejn hu mistħoqq u, minflok, ħalla lill-privat jieħu r-rimedju b'idejh iżda, kif jingħad f'*Busietta*, mhux *gratis*.

24. Irid jingħad ukoll li din il-fehma ma tistax tiġi validament kritikata għaliex ma tirrispettax il-prinċpju li min jeżerċita dritt mogħti lilu fil-parmetri mistħoqqa, ma jħallasx għall-konsegwenzi. Dan għaliex dan il-prinċipju mhux, fil-fatt, applikat mil-liġi stess meta persuna tieħu passi legali. Għall-kuntrarju, pereżempju, għar-regola ġenerali fl-Istati Uniti tal-Amerika, f'Malta hu t-tellief fil-kawża li, bħala regola, iħallas l-ispejjeż. U l-ispejjeż tal-kawża m'huma xejn ħlief id-danni diretti li jkun sofra min joħroġ rebbieħ.

25. Għalhekk id-deċiżjoni f'*Busietta* setgħet - anki jekk kienet kontra l-kurrent(i) - treġi bħala interpretazzjoni tal-liġi kif kienet qabel l-emendi tal-1995. Iżda l-qorti ma tqisx li dan hu l-każ illum. Dan hu għaliex ir-responsabbiltà li ġġorr il-persuna li fuq talba tagħha joħroġ att kawtelatorju skont l-artikolu 829 tal-Kap. 12, llum ngħatat tifsira statutorja; u dik it-tifsira mhix li l-persuna hi responsabbli sempliċement għaliex tkun tilfet il-kawża, u lanqas ma tista' tinqara hekk. Il-qorti żżid li għalkemm tqis l-interpretazzjoni f'*Busietta* bħala waħda plawsibbli skont il-liġi kif kienet, mhux neċessarjament taqbel li l-liġi kellha tkun hekk. Hemm, fil-fehma tagħha, argument serju x'isir li meta jitqies jekk att kawtelatorju kellux jinħareġ (jew jinżamm fis-seħħ) u, allura, jissarrafx f'danni jekk it-tweġiba tkun fin-negattiv, li l-kriterju l-iktar importanti għandu jkun jekk l-att kienx meħtieġ: jew, kif jingħad bil-Latin, kienx hemm *periculum in mora*. Dan l-element iddaħħal - sa ċertu punt - fil-liġi kif inhi llum (artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap. 12), imma hu mfisser b'mod li ma tantx jagħti wens lill-vittmi ta' mandati; u (forsi għalhekk?) kważi qatt ma jintuża biex jitrażżan l-abbuż notorju ta' atti kawtelatorji.

---

[13] Jiġifieri l-atti kawtelatorji kollha għajr għall-mandat t'inibizzjoni.

26. Niġu lura għall-liġi kif inhi. F'*Blye Engineering* il-qorti għalhekk waslet għal din il-konklużjoni:

> "Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt qatt ma jista' iwawwal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatarju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez. Vol. XXXVIII.I.223; u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b'*mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha.
>
> Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus *paterfamilias.* Din il-pozizzjoni tidher li kienet abbraccjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef (illum President Emeritus) *Joseph Said Pullicino* fil-kawza "Spiteri vs Camilleri", deciza fl-10 ta' Jannar, 1992."

27. Kif rajna iktar 'l fuq, hu minnu li f'*Spiteri v Camilleri* l-pożizzjoni li ttieħdet kienet dik imfissra f'*Blye Engineering.* Iżda *Spiteri v Camilleri* ġiet deċiża qabel l-emendi tal-1995 u għalhekk f'*Blye Engineering* il-qorti ma kienitx neċessarjament ġustifikata li ssegwi dak li ngħad f'*Spiteri v Camilleri* u fil-ġurisprudenza ta' qabel. Dan hu kemm għaliex il-pożizzjoni ta' qabel ma kienitx għal kollox ċara, u iżjed u iżjed jekk għandu jitqies li l-emendi tal-1995 biddlu l-pożizzjoni, minflok ikkodifikawha.

28. Hu veru li ingħad f'*S N Holdings* li b'dawk l-emendi kienet ġiet kodifikata l-pożizzjoni ġurisprudenzjali ta' qabel l-1995. Iżda l-emendi ma kienux tali li rrispekkjaw dik li kienet il-ġurisprudenza ta' qabel. Dan lanqas kien possibbli, għaliex ġurisprudenza paċifika jew, kif sar jingħad, miżmuma, ma kienx hemm. Kif rajna, kien hemm żewġ xejriet fis-sentenzi. Kien hemm dik l-inqas favorevoli għal min kien vittma ta' att kawtelatorju, għaliex biex jirkupra d-danni kellu bżonn jipprova l-malizja, il-frivolożità jew l-vessatorjetà (ċioé l-abbuż). U kien hemm dik iktar favorevoli - jew aħjar inqas sfavorevoli - li kienet tgħid li hemm dritt għad-danni fejn intwera li kien hemm imprudenza jew negliġenza, anki jekk ma kienx hemm abbuż ta' dritt.

29. Il-leġislatur għażel it-triq tan-nofs. F'paragrafu (d) tal-artikolu 836(8) kien ċar li d-danni huma dovuti fejn ikun hemm abbuż: "jekk it-talba ... tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja". Iżda ma waqafx hemm. Fil-paragrafi (a) sa (ċ) fisser tliet ċirkostanzi oħra li jistgħu iwasslu kemm għall-kundanna f'penali u danni. Dawn iċ-ċirkostanzi iktar għandhom min-natura ta' nuqqas ta' prudenza, jew ta' negliġenza, iktar milli min-natura ta' abbuż. Imma huma ċirkostanzi ta' imprudenza jew ta' negliġenza mogħtija parametri. Jekk l-aġir jaqa' fil-parametri mogħtija, allura l-qorti tista' timponi penali u għandha, jekk ikollha talba ppruvata, tagħti kumpens. Jekk le, allura billi hawn għandna diżpozizzjoni speċjali, id-danni ma jinsgħux jingħataw. Għalkemm, kif għandu jkun ċar minn dak li ngħad iktar 'l fuq, il-qorti tista' anki taqbel ma aspetti tal-fehmiet fil-prinċipju f'*Busietta* u fi *Blye Engineering*, ma tarax kif tista' tasal għall-konklużjoni li l-artikolu 836(9) ma fissirx, b'mod esklussiv, iċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jingħataw id-danni. Il-qorti għalhekk ikollha taqbel li l-liġi llum hi kif tfissret f' f'*Av. Ann Fenech nomine vs Il-bastiment MY Whispering Angel*[14] u (f'dan ir-rigward) f'*Dr. Henri Mizzi noe vs Jebmed Srl,*[15] fost oħrajn.

30. Dan ifisser li, tajjeb jew ħażin, il-liġi m'għadhiex (jekk qatt kienet) tagħti rimedju skond l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 12 għall-konsegwenzi tal-ħruġ jew iż-żamma fis-seħħ ta' att kawtelatorju. Id-danni jingħataw biss jew tintwera waħda (jew iktar minn waħda) miċ-ċirkostanzi mfissra fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, fuq talba b'rikors (jew rikors ġuramentat).[16]

---

[14] 404/2015, deċ. 5 ta' Ġunju 2015

[15] 964/2019, 12 ta' Settembru 2019

[16] Ara artikolu 164(2) tal-Kap. 12. Il-liġi (illum) tgħid li t-talba għad-danni trid issir b'rikors. Iżda ngħad f'964/19 *Dr. Henri Mizzi noe. vs Jebmed Srl* deċ. 12 ta' Settembru 2019 li talba għad-danni trid, biex tkun valida, ssir b'rikors ġuramentat. Dan il-ħsieb insibuh ukoll f'diversi deċiżjonijiet oħra, ħafna minnhom miġbura f'612/2024 *Koray Global Malta Limited v Shoreline Contracting* Limited, deċ. 25 ta' Novembru 2024. Għalkemm il-qorti tifhem li hekk għandu jkun – għar-raġunijiet mogħtija f'*Koray* u oħrajn – ma tistax taqbel mal-konklużjoni. Qabel l-emenda għall-artikolu 836(9) bl-Att XXII tal-2005, it-talba kellha ssir b'ċitazzjoni. Minn dakinhar il-liġi trid, espressament, li ssir b'rikors. Jista' anki jkun li dan sar bi żball. Imma l-liġi titlob rikors, u mhux għall-qorti li tibdel il-forma tat-talba, kemm għaliex, jekk sar żball, hu għall-leġislatur biex isewwih u kif ukoll għaliex min jaqra l-liġi għandu d-dritt li jifimha; u ikun inġust li min jimxi mal-liġi isib li dak li għamel jitqies null minn qorti. Dak li tista' tagħmel il-qorti hu li tqis ir-rikors bħala l-mezz kif tinbeda kawża għad-danni skont il-parametri tal-artikolu 846(9), u għalhekk tismagħha fil-kors normali, bħal ma tagħmel għal kawżi ta' natura kostituzzjonali.

31. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni sejra tintlaqa'.

**It-tielet eċċezzjoni ta' ETC**

32. B'din l-eċċezzjoni ETC tgħid li r-raba' talba ta' Dr Bugeja noe diġà ġiet miċħuda minn din il-qorti (b'imħallef differenti) u li m'għandhiex dritt terġa tressaqha.

33. Din l-eċċezzjoni ġiet megħluba bil-fatti għaliex, kif rajna, l-arrest diġà ġie revokat. Għalhekk il-qorti m'għandhiex għalfejn tqisha iżjed.

**Deċizjoni**

Għal dawn ir-raġunijet il-qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' ETC u għalhekk tiċħad l-ewwel tliet talbiet. Dwar ir-raba' talba, din m'għandhiex għalfejn titqies iżjed.

L-ispejjeż tħallashom Dr Bugeja noe.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur